MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Numru 180/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**
**vs**

**PAUL CALLEJA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL CALLEJA** ta' erbgha w hamsin sena bin il-mejjet Anthony u Mary nee Zammit, imwieled B'Kara nhar s-sitta ta' Dicembru 1953 u residenti 'Massabielle', Triq Ganni Vella, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 2654M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar s-sitta w ghoxrin ta' Dicembru 2002, ghal habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar, mill-Gzira, kkommetta serq ta' kompressur tal-arja li jiswa aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin, ghad-dannu ta' Joseph Walker u/jew terzi persuni, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur u talli huwa recidiv b'diversi sentenzi tal-

Qorti ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-fedina penali tal-imputat bhala Dok. CSH, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat bhala Dok. CSH 1, stqarrija rilaxxjata mill-istess imputat bhala Dok. CSH 2, l-okkorrenza relattiva bhala Dok. CSH 3 kif wkoll tlett sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat bhala Dok. CSH 4, CSH 5 u CSH 6.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, l-ghoxrin t’Ottubru 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lid-difiza tiddikjara li kienet qed tezenta lil prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhieda in konnessjoni mas-sentenzi esibiti stante li taqbel li dawn inghataw fil-konfront tal-imputat odjern u li l-istess imputat huwa recidiv.

Semghet wkoll lil prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat kkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni u li r-res furtiva (kompressur) gie moghti lilha, zmien ilu.

Ikkunsidrat:
Illi ghalhekk, fuq ammissjoni tal-istess imputat, l**-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 49, 50 u 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed**

**issib lil imputat PAUL CALLEJA hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf mija erbgha w sittin Euro (€1164) fi zmien gimgha mill-lum, u f'kaz li l-imputat jonqos li jhallas tali multa fiz-zmien stipulat mill-Qorti din ghandha tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------